**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IL-ĦAMES KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 04**

**IL-ĦAMIS 03 TA' SETTEMBRU 2009**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 3 ta' Settembru 2009 fis-6.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill.

**PREŻENTI (Seba' Kunsilliera)**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa u **l-Kunsilliera** John Vella, James Cauchi, Pablo Cachia Belli u Rodrick Mamo. Il-Kunsillier Raymond Balzan daħal għas-seduta 6.45 ta' fil-għaxija.

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**04/01 MINUTI TAS-SEDUTI NRU. 02 u 03**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 02, li nżammet nhar il-Ħamis 2 ta' Lulju 2009, kif ukoll il-Minuti tas-Seduta Nru. 03 li nżammet nhar il-Ħamis 6 ta' Awwissu 2009, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Alison Zerafa** ssekondat.

**Ivvutaw Favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti,** Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni (0).

**Il-Kunsill unanimament ikkonferma l-Minuti tas-Seduta Nru. 02 u tas-Seduta Nru. 03**.

**04/02 GROUNDS PEPPI DELCEPPO** **DOK 'A'**

**Is-Sindku** nforma lill-Kunsill li fil-laqgħa tal-Joint Management Committee li nżammet fl-1 ta' Settembru, kif kien maqbul fis-seduta ta' qabel, kien diskuss l-użu tal-Grounds Peppi Delceppo fejn ic-Chairman Zaren Vassallo ta' *Vassallo Builders Group Ltd* reġa' tenna t-tħassib dwar il-mod kif mexjin l-affarijiet tal-Grounds Peppi Delceppo, fejn minħabba nuqqas ta' użu regolari ta' dawn il-grounds u konsegwentement minħabba nuqqas ta' ntrojtu, sejjer iseħħ telf fit-tħaddim ta' dan il-kumpless. Huwa kompla jfisser li bit-tentattiv mis-St. Georges FC bl-għajnuna tal-Malta Football Association u għajnuna oħra, sabiex jakkwistaw dawn il-pitches mingħand Vassallo Builders Group Ltd. sal-lum ma seħħ l-ebda żvilupp. U għalhekk kien jidher li

issa resqin lejn l-għeluq ta’ dawn il-grounds.

Is-Sindku fisser li jekk dan iseħħ, kien se jfisser dannu kbir jekk jingħalqu dawn il-grounds, sew lil-lokalita’ kif ukoll lill-istess Kunsill kif ukoll lill-istess kumpanija. Huwa saħaq li l-Kunsill mhux lest li jħalli Nursery b’madwar mija u għoxrin tifel, jirreġġew fit-toroq, bla grounds fejn ikunu miġbura jilagħbu. U għalhekk fil-laqgħa ressaq proposta sabiex il-grounds jibqgħu jinżammu miftuħa, u mħaddma mill-Kunsill għal matul is-sena li ġejja, sakemm jitkomplew isiru tentattivi oħra kollha, anki mill-istess Kunsill ma’ l-Awtoritajiet, filwaqt li tul dan iż-żmien il-kontijiet tad-dawl u l-ilma u ta’ l-Insurance jkunu onorati mill-Kunsill. Dan kien se jfisser li l-Kunsill iħallas dawn l-ispejjeż li jammontaw għal madwar elfejn euro, iżda b’hekk il-grounds jibqgħu miftuħa, filwaqt li f’tul u ċans ta’ sena l-Kunsill ikun jista’ jagħmel laqgħat mas-Segretarju Parlamentari Clyde Puli dwar il-grounds, ma’ l-istess MFA, u mal-Good Causes Funds sabiex finalment dawn il-grounds jgħaddu kompletament f’idejn Bormla u St. George’S Club. Din il-proposta kienet milqugħa mic-Chairman Zaren Vassallo, bħala tentattiv finali sabiex tinstab soluzzjoni, u għalhekk is-Sinkdu ppropona l-approvazzjoni tal-Kunsill għal din il-proposta.

Filwaqt li l-Kunsillier Roderick Mamo ssekonda, saret diskussjoni fuq dan is-suġġett u l-Kunsill unanimament approva l-proposta mressqa mis-Sindku, li l-Kunsill flimkien mas-St. George’s Club ikomplu d-diskussjonijiet għal soluzzjonui matul żmien ta’ sena filwaqt li l-Kunsill jonora l-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma u ta’ insurance tal-grounds, fl-operat tal-Joint Management Committee tal-Grounds Peppi Delceppo .

**04/03** **Il-Kunsillier Raymond Balzan** daħal għas-seduta fis-6.45 ta’ fil-għaxija

**04/04** **SKEDA TA’ PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA’ LULJU U AWWISSU 2009** **DOK ‘B1-4’**

**Is-Segretarju** poġġa fuq il-Mejda tal-Kunsill l-iskeda ta’ kontijiet għall-approvazzjoni flimkien mal-iskeda ta’ Pagamenti magħmula għax-xhur ta’ Lulju u Awwissu, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq il-listi ta’ pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**Il-Kunsillier John Vella** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur is-seba’ (7) Kunsilliera preżenti.**
Il-Kunsill unanimament approva l-iskeda ta’ kontijiet ta’ Lulju u Awwissu flimkien mal-iskeda ta’ Pagamenti magħmula għax-xhur ta’ Lulju u Awwissu.

**04/05** ***QUARTERLY FINANCIAL PERFORMANCE REPORT*** **DOK ‘C’**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq il-***Quarterly Financial Performance***

***Report*** għat-tliet xhur April-Ġunju 2009, liema dokument kien iċċirkulat għall-attenzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill u ttieħed bħala moqri.

**Il-Viċi Sindku Alison Zerafa** ssekondat l-mozzjoni.

**Is-Sindku** talab lill-Aġent Segretarju sabiex ifisser dan id-dokument, li fisser fit-tul dan id-dokument. Barraminnhekk ingħatat spejga tal-pożizzjoni finanzjarja preżenti tal-Kunsill u r-raġunijet skont l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għaliex din is-sitwazzjoni tidher li ilha ġejja tul ta' snin, minħabba nuqqas fl-allokazzjoni finanzjarja adegwata li l-Kunsill kien qed jirċievi. Il-Kunsill tul dawn l-aħħar snin kien qed jonfoq fil-kuntratti taż-żamma ta' l-indafa, tal-ġbir ta' l-iskart, tal-Bulky Refuse, u taż-żamma tal-Ġonna u Soft areas, ferm aktar mill-istess allokazzjoni li kien qed jingħata. Din is-sitwazzjoni llum mhix aktar sostenibbli u sal-lum id-Dipartiment tal-Gvern Lokali li kien infurmat b'din is-sitwazzjoni, għadu ma sar xejn.

Dan ifisser li fir-rejalta' l-Kunsill ma jistax ikompli sena wara sena b'nuqqas ta' fondi sabiex jopera l-obbligi tiegħu lejn il-lokalita'. U għalkemm il-Kunsill ħareġ mis-sitwazzjoni ta' deficit, xorta waħda dan il-piż mhux se jħalli lill-Kunsill għal tul ta' snin oħra, jekk in-nuqqasijiet li hemm fl-allokazzjoni ma jiġux finalment irranġati.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv fisser li saru mirakli mill-istess Kunsill bil-ftit fondi disponibbli, iżda sitwazzjoni rikorrenti bħal din kienet se tmewwet l-entużjażmu ta' Kunsilliera ġodda u ħidma ġdida għal-lokalita' ta' Bormla.

**04/06 KWOTAZZJONI – APERTURI U DESK GĦAL- DOK 'D' LIBRERIJA PUBBLIKA**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsilliera lista ta' kwotazzjonijiet li l-Kunsill kien irċieva għas-sejħa li dehret fl-avviżi tal-Kunsilli fl-Independent ta' nhar l-Erbgħa 12 ta' Awissu, 2009 dwar xogħol ta' aperturi u desk għal-Librerija Pubblika.

Is-Sindku fuq parir tas-Segretarju Eżekuttiv talab li ma jeħux sehem fl-għażla ta' dawn il-kwotazzjonijiet, u ħareġ mil-laqgħa.

L-offerti mressqa kienu diskussi u mgħarbla mill-Kunsilliera, fejn jirriżulta li bejn offerta u oħra hemm differenza sostanzjali fil-prezz, filwaqt li x-xogħol kien kif mitlub.

**Il-Kunsillier John Vella** ppropona l-Kwotazzjoni għall-aperturi u desk għal-Librerija Pubblika ta' Ramona Falzon Gatt għas-somma ta' Euro 1,200 (elf u mitejn) bħala l-aktar waħda favorevoli.

Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli ssekonda, u l-Kunsill unanimament approva l-offerta ta' Gatt għas-somma ta' Euro 1,200 (elf u mitejn),

**04/07 KWOTAZZJONI – SUFFETT GĦAL-LIBRERIJA PUBBLIKA DOK 'E'**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsilliera lista ta' kwotazzjonijiet li l-Kunsill kien irċieva għas-sejħa li dehret fl-avviżi tal-Kunsilli fl-Independent ta' nhar l-Erbgħa 12 ta' Awissu, 2009 dwar xogħol ta' suffett għal-Librerija Pubblika.

L-offerti mressqa ta' Ramona Falzon Gatt, Thortex Malta, Modern Interiors u Project Technik, kienu diskussi u mgħarbla mill-Kunsilliera, fejn jirriżulta li bejn offerta u oħra hemm ukoll differenza fil-prezz, sew għad-diversi tipi ta' suffett ikkwotati.

**Il-Kunsillier John Vella** ppropona l-Kwotazzjoni mressqa mill-Modern Interiors għas-suffett għal-Librerija Pubblika għas-somma ta' Euro 1180 (elf u mija u tmenin) u bħala l-aktar waħda favorevoli.

Il-Viċi Sindku Alison Zerafa ssekondat, u l-Kunsill unanimament approva l-offerta ta' Modern Interiors għas-somma ta' Euro 1,180 (elf u mija u tmenin).

**04/08** **Il-Kunsillier Raymond Balzan** reġa' enfażizza li l-Kunsill għandu jsib soluzzjoni għall-problema tal-Bring-in Site ta' Triq il-Mitħna, sabiex din il-Bring-In Site jew titressaq mill-post fejn tinsab illum jew jinstab post aħjar mill-post preżenti fejn jinstabu, għaliex ir-rimi madwar dan is-sit qed joħloq inkonvenjent kbir u l-post jeħtieġ li jiġi irrangat skont kif kien originali jiġifieri trunċiera nadifa.

**Il-Kunsillier Raymond Balzan** talab li jkun skużat mis-seduta, minħabba xogħol, u telaq fit-8.30 ta' fil-għaxija

**04/09 KWOTAZZJONI – *POWER WASHING* TA' TOROQ DOK 'F1-2'**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni għall-ħasil ta' numru ta' toroq bil-power wash mill-kuntrattur tal-Knis u ppropona l-approvazzjoni ta' dan ix-xogħol f'dawn it-toroq, skont il-lista mressqa, li jew huma nfestati bil-ħamiem u fihom kwantita' ta' ħmieġ tal-ħamiem, kif ukoll issir tindifa ġenerali ħdejn l-iskola.

Tqajjmet il-kwistjoni tal-ħamiem u l-ħmieġ li qed jikkaġunaw f'diversi postijiet, u kien ukoll suġġerit li l-Kunsill jaħdem sabiex eventwalment titressaq Bye Laws dwar il-Ħamiem għal-lokalita' ta' Bormla.

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni ta' dan il-ħasil bil-power wash, bħala parti ukoll mill-Kampanja tat-tindif ta' Bormla.

Il-Viċi Sindku Alison Zerafa ssekondat u s-sitt Kunsilliera preżenti unanimament approvaw li jsir dan il-ħasil ta' toroq.

**04/10 MOZZJONI NRU. 08/2009 (VI) –XIRI TA' LITTER BINS DOK 'G'**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq il-mozzjoni nru. 08/2009 dwar xiri ta' numru ta' litter bins.

"Nipproponi li l-Kunsill Lokali ta' Bormla jordna 3 litter bins ġodda għall-prezz ta' Euro 420.54 skont l-istima u d-disinn mehmuż, sabiex jitpoggew: 2 fi Triq il-Pellegrinagg (ħdejn il-Knisja) u 1 fil-Venda tal-Karozzi tal-Linja."

**Il-Kunsillier Roderick Mamo** ssekonda.

**Is-Sindku** enfażizza l-bżonn li l-Kunsill jixtri u jqiegħed aktar *litter bins* ġodda, sabiex jitkompla l-eżerċizzju mill-Kunsill li jitpoġġew aktar *litter bins* sabiex il-lokalita' tinżamm nadifa, u ma jkunx hemm skużi li l-iskart jintrema' fl-art.

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni ta' din il-mozzjoni.
Ivvutaw favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti. **Il-Kunsill** approva unanimament **il-Mozzjoni nru. 08/2009(VI)**.

**04/11 MOZZJONI NRU. 09/2009 (VI) – RAMPA GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITA FI KWARTIERI SAN NIKOLA**

**DOK 'H 1-2'**

**Il-Kunsillier James Cauchi** ressaq il-mozzjoni nru. 09/2009 dwar bini ta' Rampa għall-Persuni b'Diżabilita fi Kwartieri San Nikola, bl-istimi u pjanti tax-xogħol meħtieġ kif maħduma mill-perit tal-Kunsill William Lewis.

"Nipproponi li l-Kunsill Lokali ta' Bormla jordna xogħol fuq kostruzzjoni ta' rampa għall-persuni b'diżabilita' fi Kwartieri San Nikola, skont id-disinn u l-istima tal-Perit William Lewis, li tammonta għal Euro 1,370,20 mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill Silvar Construction and Services Ltd li miegħu il-Kunsill Lokali għandu kuntratt."

**Il-Kunsillier James Cauchi** fisser li dan huwa bżonn kbir f'din l-areja, għaliex hija nieqsa mill-faċilitajiet neċessarji għal min għandu bżonnijiet speċjali, speċjalment f'dawn l-affarijiet elementari li l-Kunsill għandu d-dmir li jagħmel.

**Is-Sindku** filwaqt li ssekonda l-mozzjoni, ppropona l-approvazzjoni ta' din il-mozzjoni.

Ivvutaw favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti.
**Il-Kunsill** approva unanimament **il-Mozzjoni nru. 09/2009(VI)**.

**04/12 MOZZJONI NRU. 10/2009 (VI) – ARBLU FI TRIQ IT-8 TA' DICEMBRU**

**DOK 'J'**

**Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli** ressaq il-mozzjoni 10/2009 (VI) dwar l-arblu tal-Kunsill.

"Nipproponi li l-Kunsill Lokali ta' Bormla jagħmel mill-ġdid l-arblu tal-Kunsill, fi Triq it-8 ta' Diċembru bi spiża totali ta' Euro 2,391.37 maqsuma kif ġej:
1. Bażi tal-konkos skont id-disinn u l-istima ta' Euro 1,691.37 magħmula mill-Perit William Lewis mingħand il-kuntrattur Silvar Construction & Services
2. Arblu ġdid b'tul ta' 70 pied għall-prezz ta' Euro 700 skont l-istima mehmuża."

**Il-Kunsillier John Vella** ssekonda.
Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli fisser li l-Kunsill għandu jara li dan l-arblu li ġarrab ħsara irreparabbli, għandu jereġa jittella' mill-aktar fis lura f'postu, u jinħadem il-bażi tiegħu b'saħħtu għall-arblu ġdid.

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni ta' din il-mozzjoni, u x-xogħol jinbeda malli jkun hemm fondi għalihom.

Ivvutaw favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti.
**Il-Kunsill** approva unanimament **il-Mozzjoni nru. 10/2009(VI)**.

**04/13 MOZZJONI NRU. 11/2009 (VI) – VENDA U ROTOT 1 U 6**

**Il-Kunsillier John Vella** ressaq il-mozzjoni 11/2009 (VI) dwar il-Venda u Rotot Nru. 1 u Nru 6. tal-Karozzi tal-Linja – Pjazza Santa Margerita, Bormla, dwar nuqqasijiet li ilhom fis-seħħ, u li għandhom ikunu rranġati.

"Nipproponi li tinkiteb ittra uffiċjali lill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku biex kull fejn hemm referenza għar-rotot tal-Karozza tal-Linja Numru 1 u Numru 6 jew il-Venda ta' Pjazza Santa Margerita, Bormla għandha uffiċjalment turi l-isem ta' 'Bormla'.

F'każ li dan ma jseħħx fi żmien 30 jum mid-data ta' din l-ittra, l-Kunsill iqis dan bħala sfida lil-Liġi u jkollu dritt jirrikorri għal azzjonijiet legali.
Kopja ta' l-ittra tintbagħat ukoll lil dawk l-entitajiet li jiddeċiedi validi l-Kunsill fil-Laqgħa, bħal per eżempju l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozjoni ta' l-Ugwaljanza, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, u lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Dan qiegħed jiġi mitlub uffiċjalment u b'din il-kundizzjoni għax minkejja l-bosta interventi u ittri biex ikun korrett dan li ġej, l-Awtorita' baqgħet ma tagħtix kaz u tikser il-Liġi Kap 363 u l-Att XV tal-Kunsilli Lokali.

L-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku għandha twettaq dan li ġej:
a) tbiddel kull referenza eżistenti għall-Venda tal-Karozzi tal-Linja fi Pjazza Santa Margerita, Bormla bħala 'Bormla' u tkun konformi mal-Liġi;
b) għandhom jinbidlu, jiġu korretti jew jiġu mwarrba materjal.li preżentement għandha l-Awtorita' mxandra fuq *websites*/siti elettroniċi, radju, TV, stampati fuq karta, kotba, magazines, jew materjal ieħor inkluż dak għall-użu turistiku u lokali, jew kull fejn jidher/tidher referenza b'mod jew materjal ieħor sew pubbliku u sew għall-użu privat ta' l-

Awtorita' u l-membri tagħha u li jirreferu għall-istess sit u rotot imsemmija f'(a) u (d)
ċ) f'dan it-tibdil l-Awtorita' għandha tinkludi t-tagħrif li jidher fuq tabelli u materjal ieħor li jinsabu fuq *Bus Stages* mnejn jgħaddu l-Karozzi tal-Linja kollha, listi ta' rotot, li jgħaddu jew jibdew jew itemmu l-vjaġġ tagħhom f'Bormla b'mod speċjali fil-Venda msemmija.
d) Ir-rotot tal-Karozzi tal-Linja Numru 1 u Numru 6 għandhom uffiċjalment juru 'Bormla' bħala d-destinazzjoni aħħarija. 'Cospicua' għandha tidher ukoll fil-parentesi ma' l-isem ta' 'Bormla' fil-każ fejn hemm materjal maħsub għall-użu tat-turisti). (Mappa tas-Sit skond kif tidher fil-Liġi hi mehmuża)

**Is-Sindku Joseph Scerri** ssekonda il-mozzjoni.

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni ta' din il-mozzjoni.
Ivvutaw favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti.

**Il-Kunsill** approva unanimament **il-Mozzjoni nru. 11/2009(VI)**.

## 04/14 RIŻOLUZZJONI NRU. 01/2009 (VI) – ĦRUĠ TAS-SEJĦA GĦALL-ĦATRA TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq ir-riżoluzzjoni nru. 01/2009 (VI) dwar il-ħruġ tas-sejħa għall-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv.

"Billi d-Direttur tal-Gvern Lokali għarrafna permezz ta' email sabiex b'mod immedjat tinħareġ is-sejħa għall-mili tal-post vakanti tas-Segretarju Eżekuttiv;
Billi l-proċess biex jintgħażel u jiġi kkonfermat Segretarju Eżekuttiv ġdid jieħu ftit taż-żmien;
Il-Kunsill japprova li jibda dan il-proċess skont ir-regolamenti stabbiliti."

**Il-Kunsillier James Cauchi** ssekonda ir-riżoluzzjoni.

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni.

Ivvutaw favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti. Ħadd ma vota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

**Il-Kunsill** approva unanimament **ir-Riżoluzzjoni nru. 01/2009 (VI)**.

## 04/15 RIŻOLUZZJONI NRU. 01/2009 (VI) – ĦATRA TA' BORD GĦALL-GĦAŻLA TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq ir-riżoluzzjoni nru. 02/2009 (VI) dwar ħatra ta' Bord għall-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv.

"Nipproponi li l-Kunsill jaħtar Bord biex jirrikmanda dwar l-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Il-bord ikun magħmul mis-Sindku, Deputat Sindku u l-Kunsilliera."

Sar Qbil li l-Bord ikun magħmul mill-Kunsilliera kollha.

Il-Kunsillier John Vella ssekonda ir-riżoluzzjoni.

**Is-Sindku** ppropona l-approvazzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni.
Ivvutaw favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti. Ħadd ma vota kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

**Il-Kunsill** approva unanimament **ir-Riżoluzzjoni nru. 02/2009 (VI)**.

**04/16 SOTTOKUMITAT SPORTS, SAĦĦA U GĦAQDIET DOK 'K'**

**Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli** ressaq din il-lista ta' persuni nominati bħala membri tas-Sotto Kumitat Sports, Saħħa u Għaqdiet:
Joseph Dimech, Joseph Grech, Matthew Tonna, Andrew Scicluna, Giliane Fenech, Johann Scerri u Racine Camilleri.

**Il-Kunsillier James Cauchi** ssekonda.
Ivvutaw favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti.

**Il-Kunsill** approva unanimament **approva n-nomini mressqa għas-Sotto Kumitat Sports, Saħħa u Għaqdiet**

**04/17 SOTTOKUMITAT ĦARSIEN SOĊJALI U PERSUNI B'DIŻABILITA DOK 'L'**

**Il-Kunsillier James Cauchi** ressaq lista ta' persuni nominati bħala membri tas-sotto kumitat Ħarsien Soċjali u Persuni b'Diżabilita':
Is-Sinjuri, Rita Desira, Vincent Balzan, Josef Gauci, Robert Haidon, Lawrence Cauchi, Raymond Bugelli, Antida Tabone u Richard Garzia.

**Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli** ssekonda.
Ivvutaw favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti.

**Il-Kunsill** approva unanimament **approva n-nomini mressqa għas-Sotto Kumitat** Ħarsien Soċjali u Persuni b'Diżabilita'.

**04/18 SOTTOKUMITAT KULTURA, WIRT STORIKU U RELAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI DOK 'M'**

**Il-Kunsillier John Vella** ressaq lista ta' persuni nominati bħala membri tas-sotto kumitat Kultura, Wirt Storiku u Relazzjonijiet Internazzjonali:
Is-Sinjuri, Furtu Sevasta, Marlon Fava, Edwin Delceppo, Joseph Grech, Adrian Mallia, Anne Marie Mizzi, ??? Vella, Marco Agius, Stephen Agius.
**Il-Kunsillier Roderick Mamo** ssekonda.
Ivvutaw favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti.

**Il-Kunsill** approva unanimament **approva n-nomini mressqa għas-Sotto Kumitat** Kultura, Wirt Storiku u Relazzjonijiet Internazzjonali.

**04/19** **SOTTOKUMITAT EDUKAZZJONI U SOTTOKUMITAT NISA** **DOK 'N'**

**Il-Viċi Sindku Alison Zerafa** ressqet lista ta' nomini għas-sotto kumitat Edukazzjoni: Is-Sinjuri, Furtu Sevasta, Maruska Mallia, Paul Pulis, Josianne Farrugia u Josanne Cutajar.
Kif ukoll lista ta' nomini għas-sotto kumitat Nisa: Is-Sinjuri Emanuela Zerafa, Jane Abela, Ninette Schembri, Mary Flask, Joyce Aquilina, u Annabelle Ellul.

**Il-Kunsillier Pablo Cachia Belli** ssekonda.
Ivvutaw favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti.

**Il-Kunsill** approva unanimament **approva n-nomini mressqa għas-Sotto Kumitati** Edukazzjoni u Nisa.

**04/20** **SOTTOKUMITAT ANZJANI U SOTTOKUMITAT ŻGĦAŻAGĦ** **DOK 'O'**

**Il-Kunsillier Roderick Mamo** ressaq lista ta' nomini għas-sotto kumitat Anzjani: Is-Sinjuri Marco Agius, Ronald Bugeja, Gerald Mamo, Joe Farrugia, Tessie Camilleri, Glenda Farrugia.

Kif ukoll lista ta' nomini għas-sotto kumitat Zgħażagħ: Is-Sinjuri Marco Agius, Ronald Bugeja, Dorian Bugeja, Josef Camilleri, Matthew Tonna u Clifton Vella.

**Il-Viċi Sindku Alison Zerafa** ssekondat.
Ivvutaw favur is-sitt (6) Kunsilliera preżenti.

**Il-Kunsill** approva unanimament **approva n-nomini mressqa għas-Sotto Kumitati** Anzjani u dak taż-Żgħażagħ.

**Is-Sindku** flimkien mal-Kunsilliera ferħu lill-Kunsillier Roderick Mamo għas-suċċess fl-organizzazzjoni ta' l-ewwel attivita' għall-anzjani, li seħħet wara tul ta' snin, u li kellha parteċipazzjoni kbira ta' anzjani li zaru Għawdex. Dan jawgura għal ħidma kontinwa għall-anzjani.

**04/21** **PROGRAMM ATTIVITAJIET - KAMPANJA LOKALITAJIET INDAF** **DOK 'P'**

**Is-Sindku Joseph Scerri** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-aħħar korrispondenza dwar il-kampanja Lokalitajiet Indaf. Minbarra t-tindif ta' toroq kif diġa approvat fis-seduta mill-Kunsill, qed jitjeħħa programm sħiħ bil-parteċipazzjoni ta' numru ta' għaqdiet sabiex f'weekends isir tindif f'numru ta' areas partikulari. Il-Kunsilliera Pablo Cachia Belli, u Roderick Mamo qed jikkordinaw programm ta' ħidma dwar dan il-għan li għandu jitressaq għall-attenzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**04/22** **KORRISPONDENZA** **DOK 'Q1-?'**

**Is-Sindku** ressaq din il-korrispondenza għall-attenzjoni tal-Kunsill:

**04/22/01** **Memorandum of Understanding –** ERDF 104 – Stronger Cottonera Communities – The Citizens Right to Accessibility and Mobility, u jikkomprendi Sur San Ġwann.

Dan il-ftehim li jitmexxa mill-PDCU ( Projects Development Coordination Unit) b'kollaborazzjoni ma'

- l-Awtorita' Dwar it-Trasport , Ministry for Infrastructure, Transport and Communication,
- il-Housing Authority – Ministry for Social Policy
- l-Agenzija Support – Ministry for Social Policy u
- l-Bormla Local Council

Il-Kunsill unanimament qabel li jikkonferma dan il-ftehim.

**04/22/02** **Fondi Speċjali.** Tressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Memo 48/2009 dwar l-iskema tal-Fondi Speċjali sabiex jitwettqu proġetti jew inizzjattivi fil-lokalita', fil-kompetenza tal-Kunsill skont il-liġi preżenti jew skont ir-responsabbilitajiet li jinsabu fl-emendi li tressqu għall-approvazzjoni tal-Parlament.

**Is-Sindku** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill għall-email li l-Kunsill irċieva mill-Bord ta' Evalwazzjoni ta' l-iSkema Lokalitajiet bi Bżonnijiet Speċjali 2009 fejn il-Kunsill huwa mistieden jattendi għaċ-ċerimonja ta' l-għoti ta' Fondi. Għalkemm il-Kunsill ma rċieviex aktar dettalji dwar x'fondi sejjer jingħata, l-ewwel ringrazzjament imur lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Dott. Chris Said kif ukoll lill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fosthom Brian Loffreda għax-xogħol ta' ġid li wettaq għal dan il-għan.

**04/22/03** **Stedina mill-Onor. Dr. Mario De Marco** sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-Festa tal-Bnadar li se ssir fi tmiem il-ġimgħa bejn il-11 u t-13 ta' Settembru 2009. Il-Kunsill sejjer iqassam posters u flyers sabiex jippromwovi din l-attivita lil kull min għandu arblu ta' bandiera fuq ir-residenza tiegħu skont il-lista miġbura mill-Kunsillier Pablo Cachia Belli kif ukoll lill-għaqdiet u Clubs kollha tal-lokalita'

**04/22/04** **Estensjoni tal-Kuntratt ta' l-iStreet Lighting: Is-Sindku** fisser, kif ġa ġie spjegat f'seduta preċedenti, li l-Kumitat ta' l-iStreet Lighting m'għadux jiffunzjona u għalhekk qed ikun suggerit li l-kuntratt preżenti man-Nexos Street Lighting ikun estiż sakemm il-Kunsill joħroġ tender għall-iStreetlighting. Is-Sindku tenna li beħsiebu jkellem kunsilli oħra li kienu parti mill-Joint Committee dwar il-possibilta' li tinħareġ sejħa waħda flimkien. Il-Kunsillier John Vella ppropona l-estensjoni ta' dan il-kuntratt preżenti, u l-Kunsillier Pablo Cachia Belli ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-estensjoni ta' dan il-Kuntratt sakemm jidħol fis-seħħ kuntratt ġdid.

**04/22/05** **Premju Anzjan tas-Sena.** Id-dokument kien mgħoddi għall-attenzjoni tal-Kunsillier Roderick Mamo sabiex iressaq il-proposti meħtieġa.

**04/22/06 ETC – Skema Xogħol fil-Komunita'**

**04/22/07 Ittra lill-Bord tal-Petizzjonijiet dwar każ soċjali**

**04/22/08 Talba mingħand is-St. George's FC**

**04/22/09 Talba għal-laqgħa ma' Birdlife Malta**

**04/22/10 Talba mis-Soroptomist Malta. Il-Viċi Sindku Alison Zerafa** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill it-talba mressqa minn Soroptomist Malta, Club għat-tfajliet bi problemi, fejn il-Kunsill qed jintalab għajnuna permezz ta' għoti ta' post kif ukoll fiż-żamma tal-post. Saret diskussjoni dwar din il-proposta u kien maqbul li l-Kunsill m'għandux dawn ir-riżorsi li qed jintalab u għalhekk ma kienx f'pożizzjoni li jgħin b'dak il-mod.

**04/22/11 Events Initiative 2010**

Il-Kunsillier John Vella ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill abbozz ta' applikazzjoni għall-fondi għal attivitajiet kulturali matul is-sena 2010 u li ghaliha, l-Kunsill jista' jibbenefika sa' massimu ta' Euro 10,000. L-attivita' proposta hija fil-fatt Festival bit-tema 'Bormla Benniena ta' Arti u Kultura'. Attwalment il-Kunsillier Vella ipprepara proposta oħra għal attivita 'Festival tas-Swar ta' Bormla' bil-għan li jkun kommemorat it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tas-swar ta' Bormla.

Is-Seduta ntemmet fl-10.15 ta' fil-għaxija.

Is-Seduta li jmiss kienet iffissata għall-Ħamis, 1 ta' Ottubru 2009 fis-6.30 ta' fil-għaxija.

| | |
|---|---|
| **Joseph Scerri** | **John Farrugia** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |